Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru 51/2015

Minuti tal-wieħed u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju 2015 fil-11.00 a.m.

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rappreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Skużat | - | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Preżenti | - | - |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Preżenti | - | - |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Preżenti | - | |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | - | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Preżenti | - | - |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Skużat | Sur Eucharist Camilleri | Indispost |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Assenti | - | |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | - | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa | Preżenti | - | - |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Assenti | - | |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Preżenti | - | - |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Preżenti | - | - |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Skużat | Sur Daniel Cordina | Preżenti |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020
TEL: 21561653 FAX: 21563355

## Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti

Intqalgħet it-talba tal-bidu. Inqraw il-minuti tal-50 Laqgħa u ġew approvati unanimament.

## Merħba lill-membri l-ġodda

Il-President Dr Samuel Azzopardi fetaħ il-laqgħa billi ta' merħba kaloruża lill-membri l-ġodda u *buon ritorno* lil dawk il-membri li reġgħu ngħaqdu fi ħdan ir-Reġjun Għaqwdex wara li ingħataw il-mandat li jirrappreżentaw il-Lokalita' tagħhom fil-kapaċità tagħhom ta' Sindki. F'isem ir-Reġjun irringrazzja mill-qalb lill-membri preċedenti li ma għadhomx jiffurmaw parti mir-Reġjun tal-ħidma assidwa u eżemplari tagħhom matul it-terminu li fih kienu jokkupaw il-kariga ta' Sindki u allura membri tar-Reġjun. Ringrazzjament partikulari sar lis-Sur Joseph Sultana li serva mhux biss bħala Sindku tal-Munxar għal bosta snin imma ukoll bħala it-tieni Viċi-President tar-Reġjun Għawdex.

## Punti imqajjma mill-Minuti

Wara r-ringrazzjamenti dovuti, il-laqgħa tkompliet billi l-membri intalbu iqajjmu xi punti mill-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu għadhom kif inqraw sabiex tkompli d-diskussjoni fuqhom. B'referenza għall-Financial Statements 2014 li kienu ġew prezentati fil-laqgħa preċedenti, s-Sur Joseph Cordina saqsa jekk bl-introduzzjoni tal-Aġenzija li tħabbret li ser titwaqqaf apposta sabiex tamministra s-sistema tal-kontravenzjonijiet, id-dejn li fil-preżent għandu akkumulat ir-Reġjun hux ser jibqa' jidher fuq il-kotba tar-Reġjun jew jekk hux ser jinqasam fuq il-Kunsilli Lokali kollha li jiffurmaw parti mill-istess Reġjun. Hu saqsa ukoll jekk il-Kunsilli Lokali hux ser jiġu rifonduti tal-pagament inizzjali li kienu ġew mitluba jagħtu lill-Kumitat Konġunt sabiex jagħmlu tajjeb għall-operat tar-Reġjun.

Il-President Dr Samuel Azzopardi, fil-waqt li fakkar li għadu prematur li wieħed jistaqsi kif ser titħaddem l-Aġenzija kif imħabbra mill-Ministru, spjega li mhux suppost li dan id-dejn jibqa' jidher fuq il-kotba tar-Reġjun. Hu enfasizza l-fatt li din l-Aġenzija ġiet imwaqqfa proprju biex tamministra l-flus kollha miġbura mill-kontravenzjonijiet u li wara li kull minn hu nvolut fis-sistema jieħu dak li hu mistenni lilu mill-ħlasijiet tal-kontravenzjonijiet mogħtija, il-bilanc li jibqa' għandu suppost jitqassam lir-Reġjuni â percentwal tal-ammont ta' flus miġbura minn kull Reġjun sabiex dawn jerġgħu jitqassmu lill-Kunsilli Lokali rispettivi fi ħdan ir-Reġjun bl-istess perċentwal. Rigward ir-rifondiment tal-pagamenti inizzjali li kull Kunsill Lokali kien gie mitlub jgħaddi lill-Kumitat Konġunt, il-President stqarr li sa fejn jaf hu għadu qatt ma ssemma u għalhekk wieħed għadu jrid jistenna x'ser jiġri fil-verità.

## Approvazzjoni tal-Membri Sostituti tal-Kumitat Reġjonali Għawdex skont Memo 7/2015

Il-President stieden lill-membri preżenti sabiex jipproponu l-ismijiet tal-membri li ser ikunu qed jissostitwixxuhom fir-Reġjun Għawdex sabiex fl-assenza tagħhom, il-Lokalità rispettiva tagħhom tkun dejjem rappreżentata. Fil-waqt li membri preżenti għamlu referenza għall-fatt li skont il-ligi hemm stipulat li l-Viċi-Sindku għandu jkun l-membru tal-Kunsill Lokali li dejjem għandu jirrappreżenta l-Lokalità fl-assenza tas-Sidku, xi membri talbu li għandu jingħata aktar żmien sabiex din il-materja tilħaq titressaq fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsilli Lokali sabiex f'każ li xi Viċi-Sindki jkunu ndisposti, ikun jista' jintgħżel membru ieħor tal-Kunsill bħala sostitut tas-Sindku fir-Reġjun. Għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat *e-mail/reminder* lis-Segretarji rispettivi ta' kull Kunsill Lokali sabiex din il-materja tiġi nkluża fl-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill li jkun jmiss.

Mill-banda l-oħra kien hemm numru ta' membri li kienu diġa tkellmu mal-Viċi tagħhom u li kienu disposti li jserrvu bħala membru sostitut fi ħdan ir-Reġjun Għawdex fl-assenza tagħhom. Fost dawn kien hemm l-awto-nomina ta' Daniel Cordina li kien diġa preżenti għal-laqgħa minħabba li s-Sindku taż-Żebbug is-Sur Nicky Saliba kien skużat minħabba raġunijiet personali; kien hemm in-nomina tas-Sur Aaron Agius mis-Sindku tax-Xagħra s-Sur Joseph Cordina, kien hemm ukoll in-nomina tas-Sur Kevin Cauchi mis-Sindku ta' Għajnsielem is-Sur Franco Ciangura; kien hemm ukoll in-nomina tas-Sur Robert Mallia mis-Sindku tal-Munxar is-Sinjura Carmena Said; u n-nomina tas-Sur Anthony Formosa mis-Sindku ta'

San Lawrenz is-Sur Noel Formosa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun li kien irċieva telefonata mill-Kunsill tan-Nadur fejn kien infurmawh li s-Sindku s-Sur Edward Said kien skużat u li bħala membru sostitut kien ġie maħtur s-Sur Eucharist Camilleri li għal din il-laqgħa kien ukoll indispost. Il-membri preżenti approvaw in-nomina ta' dawn il-membri sostituti u l-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda

<u>**Ħatra tal-Viċi-President tal-Kumitat Reġjonali Għawdex**</u>

Il-President reġa' fakkar li l-kariga ta' Viċi-President kienet vakanti u għalhekk stieden lill-membri preżenti sabiex jipproponu l-ismijiet ta' dawk il-membri eleġibbli li huma jħossu li huma idonji sabiex jservu ta' Viċi-President tar-Regjun. Il-President fakkar ukoll li f'każ li jkun hemm aktar min-nomina waħda, tkun trid issir votazzjoni. Kien hemm nomina waħda biss dik tas-Sur Noel Formosa li kien proponut mill-President tar-Reġjun Dr Samuel Azzopardi u sekondat mis-Sur Mario Azzopardi. Għalhekk, peress li ma kienx hemm bżonn ta' votazzjoni ntalab vot ta' fiduċja mill-membri preżenti li għadda b'akklamazzjoni unanima mill-membri kollha. Din il-ħatra ġiet milqugħa b'applaws mill-membri kollha. Il-President Dr Samuel Azzopardi fil-waqt li feraħ lis-Sur Noel Formosa tal-ħatra tiegħu awguralu kull suċċess fil-kariga importanti li kien għadu kif ingħata.

<u>**Nominazzjonijiet tal-Membri fi ħdan il-*Gozo Regional Committee* - MCESD**</u>

Il-President filwaqt li fakkar fuq l-importanza li r-Reġjun Għawdex ikun rappreżentat fi ħdan l-*Gozo Regional Committee* tal-MCESD sabiex il-kontribut għal Għawdex f'kull deċiżjoni li tittieħed fi ħdan il-Kumitat ikun sinifikanti, fakkar li minħabba li kien hemm numru konsiderevoli ta' membri tar-Reġjun li ma kkontestawx l-aħħar elezzjonijiet li saru f'April 2015 għal-lokalita' tagħhom bil-konsegwenza li dan saħansitra affettwa l-parteċipazzjoni sħiħa tar-Reġjun fi ħdan il-*Gozo Regional Committee* – MCESD. Il-President Dr Samuel Azzopardi reġa' għal darb'oħra stieden lill-membri preżenti sabiex jipproponu l-ismijiet tal-membri effettivi u dawk sostituti li xtaqu jservu fi ħdan il-*Gozo Regional Committee* tal-MCESD f'isem ir-Reġjun Għawdex. Peress li waħda mill-vakanzi kienet dik tas-sostitut tal-President tar-Reġjun li kienet okkupata mill-Viċi-President preċedenti, il-Viċi-President tar-Reġjun is-Sur Noel Formosa aċċetta li jservi bħala membru sostitut tal-President tar-Reġjun.

Wara diskussjoni interessanti fuq kif inhi l-prassi ta' kif jintgħażlu l-membri effettivi u dawk sostituti tagħhom, kien hemm qbil fost il-membri preżenti li l-membru l-ġdid għandu jkun is-Sur David Apap Agius u li l-membru sostitut tiegħu għandu jkun is-Sur Mario Azzopardi. Eventwalment ġiet ikkonfermata ukoll il-ħatra tas-Sur Joseph Cordina bħala membru kif ukoll dik tas-Sur Paul Azzopardi bħala membru sostitut tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie inkarigat jinforma lic-Chairman tal-MCESD b'dan it-tibdil b'ittra formali.

<u>**Nominazzjonijiet tal-Membru fi ħdan il-*Gozo Regional Development Network***</u>

Il-President filwaqt li spjega lill-membri preżenti f'hiex jikkonsisti dan in-*Network* bħala parti mill-Proġett LEAP Project ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, informa lir-Reġjun li minħabba x-xogħal amministrattiv li din il-kariga ġġib magħha, ikun aktar għaqli jekk ir-rapreżentant tar-Reġjun Għawdex ikun l-istess Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun is-Sur George Refalo. Il-Reġjun approva din id-deċiżjoni filwaqt li stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lir-*Regional Development Agent* l-Eċċ. Dr Joe Vella Gauci Ambaxxatur tal-UNESCO b'din il-ħatra b'ittra formali

<u>***Street Lighting Devolution Agreement***</u>

Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lir-Reġjun li wara ħafna taħdidiet li ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar sentejn, jidher li wasalna biex jiġi ffirmat 'l hekk imsejjaħ *Street Lighting Devolution Agreement* bejn ir-Reġjun Għawdex, l-EneMalta, il-Ministeru tal-Finanzi u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara li spjega b'ċertu dettal f'hiex jikkonsisti dan il-ftehim għal benefiċċju tal-membri godda il-President Dr Samuel Azzopardi irrimarka li dan il-ftehim hu l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu minħabba li Għawdex bħala Reġjun naturali kien joffri aktar opportunitajiet biex dan il-proġett pilota jirnexxi kif fil-fatt ġara.

Hawnhekk il-President ħass ukoll li għandu jirringrazzja b'mod speċjali lis-Sur Michael Cohen li ħadem qatiegħ kemm bħala President tal-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll mis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex dan l-ftehim ikun wieħed sodisfaċenti u mingħajr ma jiżvantaġġja lir-Reġjuni jew lill-Kunsilli; irringrazzja ukoll lis-Segretarju Parlamentari l-Perit Ian Borg li bl-esperjenza tiegħu bħala Sindku kif ukoll għax bħala dekasteru hu responsabbli mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea, kien vitali biex dan il-ftehim ikun suċċess minn kull aspett imma l-aktar minn dak ambjentali; kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti s-Sur Ian Paul Bajada tax-xogħol li għamel biex dan il-ftehim

seta' jiġi konkluż u ffirmat. Fl-aħħar il-President informa lir-Reġjun li kollox jindika li nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2015 kienet ser issir laqgħa importanti ġewwa Kastilja sabiex jiġi spjegat fid-dettal il-kontenut tal-ftehim kif ukoll ħabbar li r-Reġjun għadu qiegħed jistenna konferma jekk il-ftehim hux possibbli jiġi ffirmat nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2015 f'post li għadu jrid jiġi deċiż. Għalhekk, il-President talab lill-membri kollha sabiex jevalwaw sewwa l-ftehim li kien intbagħtilhom mal-Aġenda tal-Laqgħa għall-attenzjoni tagħhom sabiex jiddiskutuh bir-reqqa qabel ma jmorru għal ftehim peress li għad hemm lok għal xi kjarifiki.

Wara diskussjoni pjuttost twila, il-membri tar-Reġjun ikkonkludew li hemm bzonn ta' aktar informazzjoni prattikament dwar tlett punti fundamentali li huma: l-kwistjoni tal-*insurance* ta' dawn l-arbli u d-dwal kollu f'każ li ma jkunx hemm offerent meta toħroġ l-offerta; min ser jifformola l-inventarju l-ewwel darba u eventwalment minn ser ikun responsabbli minnu wara d-devoluzzjoni fis-sens jekk hux ir-Reġjun jew il-Kunsilli Lokali individwalment peress li dawn id-dwal jinsabu fil-Lokalità tagħhom; u fl-aħħar rigward il-ħlas tal-konsum tad-dwal peress li skont il-ftehim jidher li ser tibqa' tħallas il-konsum tad-dawl l-EneMalta biss tqajjmu d-dubbji jekk dan hux ser jibqa' hekk fil-futur ukoll jew jiġi responsabbli minnu ukoll il-Regjun jew il-Kunsilli Lokali rispettivi.

Konxju mill-importanza ta' dawn l-*issues* li tqajjmu, il-President wiegħed li anke fil-każ li għal-laqgħa li ħabbar li ser issir ġewwa Kastilja nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2015 hu mhux ser ikun jista' jattendi minħabba li ser ikun qiegħed jakkumpanja lill-Prim Ministru bħala parti mid-delegazzjoni Maltija, f'kaz li l-laqgħa tinżamm xorta waħda għalkemm hu vżahom li mhux possibbli li jattendi, is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jattendi żgur u dawn l-*issues* żgur li kienu ser jiġu ndirizzati.

## Ħruġ ta' Tender għas-servizz ta' *Accountant* tar-Reġjun Għawdex

Il-President informa lir-Reġjun li t-Tender li kienet ġiet pubblikata fl-2011 skadiet u li fil-bidu ta' din is-sena r-Reġjun kien qabel li tingħata estensjoni tal-kuntratt sabiex ir-Reġjun ikun jista' jagħlaq il-kotba tas-sena finanzjarja kif mitlub bil-liġi u li din l-estensjoni għadha fis-seħħ.

Wara diskussjoni interessanti, ġie deċiż li għandha tiġi ppubblikata sejħa għall-*Quotation* u mhux għall-*Tender* ġdida u li fiha għandu jiġi nkluż ix-xogħol relatat mal-ftehim ta' devoluzzjoni li ġie diskuss aktar qabel. Ġie deċiż ukoll li l-Quotation għandha terġa' toħroġ għall-sena u bil-possibiltà li tista' terġa tiġi mġedda għall-perijodi ta' tnax-il xahar sa massimu ta' 48 xahar jiġifieri sena + tlett (3) snin oħra mid-data tal-Kuntratt.

Għalhekk, il-membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibda' l-proċeduri normali għal dan il-każ sabiex tiġi ppubblikata din il-*Quotation* fil-Gazzetta tal-Gvern.

## Mozzjoni ppreżentata mill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria

Il-President Dr Samuel Azzopardi nforma lir-Reġjun li l-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria kien ippreżenta mozzjoni numru 8 li tirrigwardja s-*Surveillance Camera* fi Pjazza San Franġisk, sabiex tiġi eventwalment deċiża mir-Reġjun. Għalhekk iddikkjara kunflitt ta' interess Sindakali u talab li jirtira mis-Sala filwaqt li stieden lill-Viċi-Sindku l-ġdid is-Sur Noel Formosa, sabiex jippressjedi hu l-laqgħa tar-Reġjun sakemm tiġi trattata din il-Mozzjoni.

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv qara l-mozzjoni ppreżentata mill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria, il-Viċi-Presidnet is-Sur Noel Formosa stieden lill-membri prezenti sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar din il-materja.

Wara diskussjoni kemmxejn twila u nteressanti, il-Kumitat Reġjonali Għawdex ikkonkluda illi ġaladarba kien l-istess Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria li oriġinarjament installa s-*Surveillance Camera* fi Pjazza San Franġisk sabiex issa qiegħed hu stess jitlob it-tneħħija tagħha mill-istess Pjazza, zgur li hemm raġunijiet validi li jiġġustifikaw il-fatt li din il-mozzjoni għandha tiġi kkunsidrata bis-serjetà ħafna mir-Reġjun peress li hu biss hu responsabbli minn din il-camera li fil-verità hi operata mill-kumpanija privata *The Guard & Warden Service House Ltd.* Minħabba li ġie innutat il-fatt li fi Pjazza San Franġisk sar ikun hemm preżenza kontinwa ta' Uffiċċjal tal-Pulizija kif ukoll ta' *Local Wardens* u Uffiċċjali ta' *Transport Malta*, ir-Regjun qabel li din is-*Surveillance Camera* għandha b'effett immedjat tiġi sospiża u għalhekk imwaqqfa

milli tibqa' topera u toħroġ kontravenzjonijiet. Il-membri qabblu li din id-deċiżjoni għandha tibqa' fis-seħħ sal-aħħar ta' Awwissu 2015 jew sa meta l-istess Reġjun jerġa' jieħu deċiżjoni ulterjuri f'dan ir-rigward għax forsi jkun mitlub jerġa' jirrevedi l-istess deċiżżjoni

Għaldaqstant, ir-Reġjun qabel ukoll li għandu jiġi mitlub sabiex il-preżenza ta' aktar Uffiċċjali tal-Pulizija, *Local Wardens*, kif ukoll Uffiċċjali ta' Transport Malt fi Pjazza San Franġisk u fl-akwati tal-madwar tiżdied konsiderevolment sabiex tibqa' tinżamm il-*buon* ordni li wieħed jibqa' jistenna li ssaltan fl-istess inħawi għall-aħjar interess ta' kulħadd, fil-waqt li dawn jibqgħu jaqdu dmirijiethom sewwa u kif dejjem għamlu s'issa fl-aħjar interess ta' kulħadd u bl-aktar mod imparzjali u ġust.

Wara li r-Reġjun talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'din d-deċiżzjoni kemm lill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria, kif ukoll lill-kumpanija *The Guard & Warden Service House Ltd.*, lill-Kummissarju tal-Pulizija u kkuppjat is-Supraintendent tad-Distrett ta' Għawdex, lis-*Senior Manager* ta' Transport Malta, u lit-Tribunal Reġjun Għawdex, il-Viċi-President talab li jiġi skużat sabiex jissejjaħ jingħaqad fil-laqgħa l-President Dr Samuel Azzopardi u l-laqgħa titkompla skont l-Aġenda.

<u>Proposti għall-Proġetti tal-Ministeru għal Għawdex ko-finanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea u dawk ta' Eko-Għawdex 2015</u>

Il-President filwaqt li fakkar li l-Gvern dalwaqt ser jibda jilqa' applikazzjonijiet għall-proġetti ko-finanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea 2014-2021, stieden lill-membri tar-Reġjun biex sew bħala Kunsilli kif ukoll bħala Reġjun jipproponu xi proġetti li huma jħossu li għandhom jitwettqu għall-aħjar tal-Lokalità tagħhom u tal-Gżira Għawdxija. Fl-aħħar il-President fakkar ukoll fil-prġetti Eko-Għawdex li wieħed jista' jagħmel b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sur Joe Cordina, filwaqt li faħħar dawn l-inizzjattivi u proġetti li saru possibbli grazzi għall-Fondi tal-Unjoni Ewropea u dawk tal-Ministeru għal Għawdex, saqsa jekk wasalx ukoll iż-żmien li dawk il-proġetti ta' tisbieħ jew manteniment ta' siti storiċi jew ta' mportanza nazzjonali li jinsabu mxerrda f'ħafna lokalitajiet ġewwa Għawdex u li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali, għandhomx isiru b'kollaborazzjoni mal-Gvern jew mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jitwettqu peress li l-Kunsilli Lokali ma għandhomx il-fondi neċessarji sabiex iwettquhom filwaqt li l-Ministeru mhux dejjem ikun lest li jidħol għal biċċa xogħol bħal din ġaladarba dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sur Cordina kompla jgħid li l-istess kunċett ta' ko-finanzjament bejn il-Gvern u l-Unjoni Ewropea jekk ikun applikat fuq livell lokali bejn Kunsill Lokali u Gvern meta l-istess proġett ma jkunx jikkwalifika għall-fondi tal-Unjoni Ewropea, jgħin biex dak kollu li għandu jsir ikun jista' jitwettaq. Filwaqt li ċċara l-punt li hu bl-ebda mod ma qiegħed jirreferi li għal kull proġett tal-Kunsilli Lokali għandu jkun ko-finanzjament mill-Gvern Centrali jew mill-Ministeru għal Għawdex imma biss dawk il-proġetti li huma ta' importanza storika jew attrazzjoni turistika, hu semma fost l-oħrajn li kien qiegħed biex jaghti eżempju jirreferi għall-inħawi tal-Għar ta' Calypso u għal xi postijiet simili f'lokalitajiet oħra.

Wara li saret diskussjoni interessanti, il-membri qabblu li dwar din il-proposta li kien hemm qbil dwarha, ir-Reġjun għandu jikteb lill-Ministru għal Għawdex sabiex iressaq dan is-suġġeriment f'isem il-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex

<u>Jum Għawdex</u>

Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li reġa' fakkar li għal din is-sena r-Reġjun ingħata €5000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali proprju sabiex jiġi organizzat Jum Għawdex 2015, informa lill-membri preżenti li l-Fondazzjoni Valletta18 wriet interess partikulari f'Jum Għawdex u li għax jaraw li din il-ġurnata toffri potenzjal li tikber tant li biż-żmien tistabbilixxi ruħha bħala *event* annwali fil-Kalendarju Kuluturali, il-President ta spjegazzjoni tal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2015 fil-bini tal-Fondazzjoni Valletta18 bejnu u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur Jason Micallef *Chairman* tal-Fondazzjoni Valletta18, is-Sur Carlston Xuereb, is-Sur Liam Gauci, Kuratur tal-Mużew Marittimu, is-Sur Russell Muscat mill-Ministeru tal-Kultura u Ms Margerita Pulè *Programme Coordinator* Valletta 18. Il-ħsieb hu li jkun hemm il-weekend ta' qabel Jum Għawdex jiġifieri il-Ġimgħa 23, is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Ottubru 2015 organizzat u a spejjez tal-Fundazzjoni Valletta18 u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) kif ukoll ir-Reġjun Għawdex biex imbagħad il-Ġurnata proprja tat-28 ta' Ottubru 2015 tkun kollha uffiċċjalment f'idejn ir-Reġjun Għawdex.

Wara diskussjoni dwar x'attivitajiet wieħed jista' jorganizza, il-President talab lill-membri sabiex jiddiskutu Jum Għawdex bħala Kunsilli Lokali u jagħtu l-proposti tagħhom peress li l-ħsieb anke tal-Fondazzjoni Valletta18 hu li jew jiġu nklużi l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex kollu jew sena nofs u sena n-nofs l-ieħor, jiddependi minn ħafna fatturi li wieħed għadu jrid jistabbilixxi maż-żmien.

## Premises ġodda biex jakkomodaw ir-Reġjun Għawdex

Il-President filwaqt li fakkar li fil-preżent ir-Reġjun Għawdex qiegħed jopera mis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria u li din l-aċċettazzjoni kienet ġiet milqugħa għax dan l-arranġament temporanju kellu jkun għall-tlett xhur biss meta sal-lum diġa għaddew aktar minn tlett snin, stqarr li mal-propostà tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid li r-Reġjun ikollu l-premises tiegħu, hu ma sabx oġġezzjoni u għalhekk ġie deċiż li r-Reġjun jibgħat ittra formali lill-Kummissarju tal-Artijiet fejn jitolbu jekk għal li jista' jkun id-Dipartiment għandux xi proprjeta vakanti u disponibbli fir-Rabat Għawdex li tista' eventwalment isservi ta' *premises* tar-Reġjun.

Il-membri qabblu mad-deċiżjoni u awguraw li r-Reġjun jirċievi risposta pożittiva mid-Dipartiment tal-Artijiet.

## Qari tal-Korrispondenza

Tressqet Korrispondenza mingħand:

1) Id-Direttur Generali Implimentazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti OPM dwar Laqgħa ad hoc li ser issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2015 ġewwa Kastilja fejn ser jiġi diskuss l-i*Street Lighting Devolution Agreement* - Kif ġie diskuss aktar qabel, kemm-il darba ser tinżam din il-laqgħa għandu jattendi għalija s-Segretarju Eżekuttiv għax il-President indispost.

2) Il-*Malta Intelligent Energy Management Agency* fejn esprimiet ix-xewqa li taħdem mar-Reġjun Għawdex fuq proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea – Ir-Reġjun qabel li meta tkun ser isir xi *briefing/seminar* fuq interssament ta' Proġetti minn din l-Agenzija ġewwa Għawdex, ir-Reġjun għandu jkun rapreżentat.

## Materji Oħra

Peress li ma kienx hemm materji oħra fuq l-aġenda, il-laqgħa ntemmet fis-1 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

Dr. Samuel Azzopardi
President

George Refalo
Segretarju Eżekuttiv